



Brussell, 14 ta' Ġunju 2018  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2018/0251 (NLE)

---

10128/18  
ADD 1

ATO 35  
CADREFIN 107

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ĝeneralji tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ĝeneralji tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 466 final - ANNEXES
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina); u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 466 final - ANNEXES.

---

Mehmuż: COM(2018) 466 final - ANNEXES



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.6.2018  
COM(2018) 466 final

ANNEXES 1 to 2

## ANNESSI

tal-

### Proposta għal Regolament tal-Kunsill

**li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina); u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013**

{SWD(2018) 342 final}

## ANNESS I

1. L-għan ġenerali tal-Programm huwa li jassisti lil-Litwanja fl-implementazzjoni tad-dekommissjonar tal-impjant tal-enerġija nuklear ta' Ignalina, b'enfasi speċifika fuq il-ġestjoni tal-isfidi ta' sikurezza radjoloġika tad-dekommissjonar tal-impjant tal-enerġija nuklear ta' Ignalina. Wara li tlestiet it-tneħħija tal-assemblaġġi tal-fjuwil użat mill-bini tar-reatturi, l-isfidi ewlenin tas-sikurezza li jmiss li jridu jiġu indirizzati mill-Programm huma ż-żarmar tal-qalba tar-reatturi u l-ġestjoni kontinwa tad-dekummissjonar u tal-iskart li ntiret.
2. Fil-perjodu ta' finanzjament li jibda mill-2021, il-programm se jassisti f'dan li ġej:
  - (a) iż-żarmar u d-dekontaminazzjoni taż-żoni ta' fuq u tal-qiegħ tax-xaftijiet tar-reatturi skont il-pjan ta' dikommissjonar; il-progress irid jitkejjel skont il-kwantità u t-tip ta' materjali mnexxhi kif ukoll permezz tal-valur gwadanjas;
  - (b) id-disinn għaż-żarmar u d-dekontaminazzjoni taż-żoni ċentrali tax-xaftijiet tar-reatturi (il-qalba tal-grafit); il-progress irid jitkejjel permezz tal-valur gwadanjas; dan l-għan għandu jinkiseb qabel l-2027 meta se jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet rilevanti biex jitwettqu ż-żarmar u d-dekontaminazzjoni attwali li huma skedati għal wara l-2027;
  - (c) il-ġestjoni sikura tad-dekummissjonar u tal-skart li ntiret sal-ħażin proviżorju jew sar-rimi (skont il-kategoriji tal-iskart), inkluża t-tlestitja tal-infrastruttura tal-ġestjoni tal-iskart fejn meħtieġa. Dan l-għan għandu jintlaħaq b'konformità mal-pjan ta' dikommissjonar; il-progress irid jitkejjel skont il-kwantità u t-tip ta' skart maħżun jew mormi b'mod sikur kif ukoll permezz tal-valur gwadanjas;
  - (d) it-tnaqqis tar-riskji radjoloġiċi; dan l-għan irid jitkejjel permezz tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza tal-attivitajiet u tal-faċilità, li jidentifikaw modi li bihom jistgħu jseħħu esponenti potenzjali u li jistmaw il-probabiltajiet u d-daqs tal-esponenti potenzjali.
3. Il-pjan ta' dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nuklear ta' Ignalina stabbilixxa l-istruttura tat-tqassim tal-ħidma tal-Programm (l-hekk imsejħa Struttura Ġerarkika tad-Dekompożizzjoni tal-Attività u tal-Proġetti marbuta mad-Dekummissjonar tal-NPP ta' Ignalina). L-ewwel livell tal-istruttura tat-tqassim tal-ħidma hija magħmulu minn dawn is-sitt punti:
  - (i) P.0 "Organizzazzjoni tal-attività tal-intrapriża";
  - (ii) P.1 "Tħejjija għad-dekummissjonar";
  - (iii) P.2 "Żarmar/twaqqiġi tal-faċilità u r-ristorazzjoni tas-sit";
  - (iv) P.3 "Ġestjoni ta' Fjuwil Nuklear Użat";
  - (v) P.4 "Ġestjoni tal-Iskart";
  - (vi) P.5 "Programm post-operazzjoni".

Il-punt P.0 "Organizzazzjoni tal-attività tal-intrapriża" jkopri l-ġestjoni tal-intrapriża, il-garanzija tas-sorveljanza u tal-kwalità, il-monitoraġġ tar-radżazzjoni u ekoloġiku, is-sigurtà fiżika, l-appoġġ tal-ingineri ja għall-attivitajiet tal-intrapriża.

Il-punt P.1 "Tħejjija għad-dekummissjonar" ikopri l-għoti ta' kundizzjonijiet preliminari għad-dekummissjonar (bħall-inventarju tat-tagħmir u l-karatterizzazzjoni

radjoloġika), il-modifika tal-infrastruttura, l-iżolament tas-sistemi u tat-tagħmir, id-dekontaminazzjoni tas-sistemi, tat-tagħmir u tal-faċilitajiet tal-proċess.

Il-punt P.2 “Żarmar/twaqqiġi tal-faċilità u r-ristorazzjoni tas-sit” ikopri ż-żarmar tar-reatturi, iż-żarmar u tas-sistemi/tagħmir tal-proċess u l-pretrattament tal-iskart, it-twaqqiġi tal-faċilitajiet, u r-ristorazzjoni tas-sit.

Il-punt P.3 “Ġestjoni ta’ Fjuwil Nukleari Użat” ikopri l-ġestjoni u l-ħażin ta’ fjuwil nukleari użat.

Il-punt P.4 “Ġestjoni tal-iskart” ikopri t-trattament u l-kundizzjonament tal-iskart radjuattiv.

Il-punt P.5 “Programm post-operazzjoni” jkopri l-operazzjoni u l-manutenzjoni tal-faċilitajiet, ir-riżorsi tal-enerġija, il-provvista tal-ilma, id-drenaġġ u l-purifikazzjoni tal-ilma.

4. L-isfidi ta’ sikurezza radjoloġika ewlenin għall-perjodu ta’ finanzjament 2021–2027 huma indirizzati permezz tal-attivitàjet skont il-punti P.1, P.2 u P.4. B’mod partikolari, iż-żarmar tal-qlub tar-reatturi huwa kopert bil-punt P.2. Sfidi inqas importanti huma ttrattati skont il-punt P.3, filwaqt li l-punti P.0 u P.5 ikopru l-attivitàjet ta’ appoġġ għad-dekummissjonar.
5. Għaldaqstant, meta tkun qed tħejji l-programm ta’ ħidma pluriennali, il-Kummissjoni se tikkunsidra t-tqassim tal-ammonti disponibbli skont il-prioritajiet identifikati fit-Tabella 1, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7.

**Tabella 1**

#	Punt	Priorità
P.0	Organizzazzjoni ta’ attività tal-intrapriża	II
P.1	Tħejjija għad-dekummissjonar	I
P.2	Żarmar/twaqqiġi tal-faċilità u r-ristorazzjoni tas-sit	I
P.3	Ġestjoni ta’ Fjuwil Nukleari Użat	II
P.4	Ġestjoni tal-iskart	I
P.5	Programm post-operazzjoni	III

6. L-għanijiet prinċipali tal-Programm huma kkumplimentati bl-għan li jissaħħa il-valur miżjud tal-Unjoni tal-Programm permezz tad-disseminazzjoni tal-gharfiex (iġġenerat mill-programm) lill-Istati Membri kollha dwar il-proċess ta’ dekummissjonar. Fil-perjodu ta’ finanzjament li jibda mill-2021, il-Programm irid jikseb dan li ġej:
  - jiżviluppa rabtiet u skambji fost il-partijiet ikkonċernati tal-Unjoni (eż. Stati Membri, awtoritajiet tas-sikurezza, is-servizzi pubbliċi u l-operaturi tad-dekummissjonar);

- jiddokumenta l-għarfien espliċitu u jagħmluh disponibbli permezz ta' trasferimenti multilaterali ta' għarfien dwar kwistjonijiet ta' governanza dwar id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart, l-aħjar prattiki maniġerjali u l-isfidi teknoloġiċi, bil-ħsieb li jiġu żviluppati sinerġiji potenzjali tal-Unjoni.

Dawk l-aktivitajiet huma ffinanzjati mill-Unjoni b'rata ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

Il-progress għandu jitkejjel skont l-għadd ta' prodotti ta' għarfien u s-sensibilizzazzjoni tagħhom.

7. Ir-rimi ta' fjuwil użat u ta' skart radjuattiv f'repożitorju ġeoloġiku fond mhux inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm, u jrid jiġi żviluppat mil-Litwanja fil-programm nazzjonali tagħha għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv kif meħtieġ mid-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom.

## **ANNESS II**

Indikaturi

1. Żarmar u dekontaminazzjoni:

- il-kwantità u t-tip ta' materjali mneħħija.

2. Ġestjoni ta' skart radjuattiv:

- il-kwantità u t-tip ta' skart maħżun jew mormi b'mod sikur.

3. Disseminazzjoni tal-ġħarfien:

- l-ġħadd ta' prodotti ta' għarfien u s-sensibilizzazzjoni tagħhom.